# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-29 ta' Jannar 2025**

**Rik.Gur. Nru.: 29/2019 JPG**

**Kawza Nru : 15**

**PB**

**Vs**

**i. FC [1]**

**ii. U b'digriet tas-7 ta' April 2022 gew nominati Dr Joseph Brincat u PL Nadine Farrugia bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw il-minuri DB**

**iii. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' PB datat 30 ta' Jannar 2019, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

1) *Illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004). Minn dan iz-zwieg twieled wild bl-isem ta' KGB, liema wild huwa il-wild naturali tar-rikorrent;*
2) *Sussegwentement il-konjugi B isseparaw u ottjenew id-divorzju hekk kif jidher mill-*

[1] U b' digriet ta' 28 ta' Jannar 2025 il-kunjom l-intimata gie korrett ghal C u mhux AC u din il-korezzjoni giet riflessa fl-atti kollha tal-kaz.

*anness dokumenti immarkati Dok PB1 U PB2 rispettivament.*

3) *Fil-process tas-separazzjoni l-mittenti FC kellha relazzjoni ma' terzi u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri DB nhar X, u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelied immarkat bhala Dok PB3. DB gie rregistrat mill-omm bhala l-wild naturali ta' PB u inghata wkoll il-kunjom B;*
4) *Illi pero', l-attur, wara li twieled il-minuri DB, sar jaf li l-wild mhux il-wild naturali tieghu, minkejja li l-konvenuta dejjem ipprezentat lill-istess minuri bhala iben l-attur;*
5) *Illi l-attur sar jaf li l-konvenuta martu kellha relazzjoni extra-maritali u dan kien pressapoco fiz-zmien li kien koncepit il-minuri;*
6) *Illi l-attur beda jissuspetta li l-minuri jista' jkun mhux il-wild naturali tieghu izda billi qatt ma kellu access ma setghax jikkonferma dan permezz ta' DNA test informali jew formali;*
7) *Illi minhabba l-prezunzjoni tal-paternita' ai termini ta' l-Artiklu 68 tal-Kodici Civili, l-attur tnizzel bhalla missier il-minuri fuq l-att tat-twelied ta' l-istess minuri;*
8) *Illi l-attur ma jafx min hi l-persuna ma' min il-konvenuta ghandha jew kellha relazzjoni;*
9) *Illi ghalhekk, l-esponent kien kostrett li jipprezenta tali procedura u huwa jixtieq li l-att tat-twelied tal-minuri jkun jirrispekkja l-verita' ,mhux kif inhu fil-prezent;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -*

1. *Tiddikjara li l-minuri DB mhux il-wild naturali tieghu u li l-istess esponent mhux il-missier naturali tal-minuri DB;*
2. *Tiddikjara li l-minuri DB huwa l-wild ta' missier mhux maghruf;*
3. *Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelied ta' l-imsemmija minuri DB billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizla fl-istess att tat-twelied il-konnotati kollha ta' l-esponent PB u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u/jew tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certifikat tat-twelied ta' l-imsemmi minuri DB , l-isem u l-konnotati ta' PB kull fejn jirrikorru u minflok, fejn hemm "missier it-tarbija" jitnizzel "missier mhux maghruf";*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata FC li hi minn issa ngunta in subizzjoni flimkien mal-intimati l-ohra.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta' Gunju 2022, a fol 54 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi jibda billi jinghad li jidher li kunjom l-intimata F huwa 'C' u mhux 'AC' u ghalhekk ir-rikorrent ghandu jitlob li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-gudizzju jkun wiehed integru;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-attur ma ddikjarax taht liema Artikolu tal-Ligi qed isejjes il-kawza istanti, u ghaldaqstant ikun ta beneficcju illi jaghmel dan. L-esponenti jirriserva minn issa d-dritt illi jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk tirrizulta l-htiega;*

3. *Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent qed jassumi illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-**Artikolu 70 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** stante li l-kawza istanti titratta propju denegata paternita';*

4. *Illi wkoll in linea preliminari, l-attur ghandu jgib prova li huwa gie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ikun jista' jipprocedi bil-kawza istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f'gieh l-ekonomija tal-gudizzju, huwa ghandu jirregola l-pozizzjoni tieghu immedjatament;*

5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;*

6. *Illi fi kwalunkwe kaz, sabiex tirnexxi l-azzjoni proposta mir-rikorrent, jehtieg illi huwa jipprova u jissodisfa mill-inqas wahda mic-circostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal tali fini, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif ipprovdut fl-Artikolu 70A(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tigi ivverifikata l-allegazzjoni tal-attur li*

*huwa mhux il-missier bijologiku tal-minuri DB . F'tali cirkostanza, l-esponent, stante li m'ghandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawza istanti, jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;*

7. *Illi jehtieg ukoll li l-attur jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi b'mod adegwat u konvincenti juri li l-pussess ta' stat tal-minuri DB ma jaqbilx mal-att tat-twelied tieghu;*

8. *Illi fir-rigward tat-talbiet attrici, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi migjubin ikunu l-ahjar f'ghajnejn il-Ligi;*

9. *Illi subordinatament, u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva li huwa important li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem PB fejn hemm indikat it-taghriif dwar l-omm fl-att tat-twelied ta' DB innumerat 291/2013, ghandhom, flimkien mal-konnotati tal-attur, jigu kkancellati mill-istess att tat-twelied;*

10. *Illi f'kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici, ghandu jigi determinat b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri DB;*

11. *Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

12. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa jigi ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' FC datata 27 ta' April 2023; a fol 64, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti ghandha l-kunjom C u mhux kif indikat mill-attur u ghalhekk trid issir il-korezzjoni fl-atti sabiex jigi rifless il-kunjom tar-rikorrenti;*
2. *Illi mhux minnu illi kif qieghed jallega l-attur li l-esponenti pprezentat lill-istess minuri bhala iben l-attur, filfatt l-attur u l-minuri lanqas biss qatt iltaqghu;*

3. *Illi dwar l-ewwel talba- l-esponenti taqbel illi l-attur m'huwiex il-wild minuri ta' PB ; u l-attur dejjem kien jaf b'dan tant li hi kienet tqila b' 6 xhur meta ffirmaw is-separazzjoni; u dal-wild lanqas biss fil-fatt jissemma imkien f'dan il-kuntratt, illi gara li l-minuri kellu jigi registrat bhala iben PB minhabba l-Ligi kif inhi u mhux minhabba htija tal-esponenti;*
4. *Illi dwar it-tieni talba- il-mittenti taqbel ma din it-talba peress li hi ma tafx min hu missier il-minuri;*
5. *Illi dwar it-tielet talba – l-esponenti taqbel mat-tielet talba;*
6. *Illi l-esponenti hija persuna ta' ftit mezzi; mhux tort taghha illi l-minuri kellu jigi registrat fuq PB ; u hija qatt ma talbet xejn lill-attur u dejjem provdiet hi ghal dan il-minuri u ghalhekk ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.*

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr Josette Sultana u PL Louisa Tufigno, datata 14 ta' Frar 2022 a fol 28 li taqra hekk:

i. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'hiex edotta mill-fatti u ghalhekk tirriservaw li tipprezentaw risposta ulterjuri f stadju ulterjuri tal-proceduri.*

ii. *Sal eccezzjonijeit ulterjuri.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-Kuraturi Deputat Dr Joseph Brincat u PL Nadine Farrugia datata 27 ta' Marzu 2023; (a fol 61)

Rat in-nota fejn gie ipprezentat l-affidavit ta' Marisa Cassar u r-rapport li jindika li PB mhux il-missier naturali; (a fol 73)

Rat in-nota ta' FC fejn tiddikjara bhala provi ghandha l-affidavit taghha datata 11 ta' Gunju 2024; (a fol 86)

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-paritjiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' *denegata paternita'*, permezz ta' liema r-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' DB .

L-attur ipprezenta flimkien mar-rikors guramentat kopja tal-kuntratt ta' firda personali tal-partijiet li fih isir biss referenza għal iben il-partijiet KGB u ma ssir l-ebda referenza għal wild DB (fol. 6). Dan il-kuntratt ġie ppubblikat nhar it-12 ta' Settembru 2012. Ġiet ipprezentata wkoll kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta li permezz tagħha ġie maħlul z-zwieg tal-partijiet (fol. 18). M'hemm l-ebda referenza għal wild DB fil-proceduri tad-divorzju. Ġie anness kopja awtentika tac-certifikat tal-minuri DB li twieled nhar X u cjoe inqas minn tlett (3) xhur wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn l-attur u l-intimata C.

Sar it-test ġenetiku minn Dr Marisa Cassar li ntavolat rapport nhar is-17 ta' Novembru 2023 (fol. 73) li permezz tiegħu infurmat lil din il-Qorti illi kien irrizultalha li PB mhux il-missier naturali tal-wild DB .

L-intimata xhedet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-21 ta' Novembru 2024 (fol. 92). Hija ddikjarat illi s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet twalet aktar milli kellha għaliex l-attur baqa' jopponi fuq ħafna affarijiet. Hija kienet tqila meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Hija certa li missier DB mhuwiex l-attur. L-attur kien jaf fuq it-tqala tagħha għaliex kien ġja nfurmat meta kellhom l-appuntament mal-Bank għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali. Matul is-snin mit-twelid tat-tifel, l-intimata riedet tieħu ħsieb it-tlett itfal tagħha u għalhekk ma kellhiex mezzi bizzejjed biex tintavola proceduri l-Qorti. Ikkonfermat illi għandhom wild ieħor flimkien u li l-attur kien jgħajjex lil dan il-wild miegħu.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-liġi nostrana tipprovdi għal proceduri ta' *denegata paternita'* fil-Kodici Civili. Infatti artiklu 70 tal Kap16 jipprovdi:

> ***70.(1) Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ –***
> ***(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled***

***minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew***
***(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled:Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew***
***(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienetwaħda fit-tnissil; jew***
***(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***
***(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur.***
***(2) Id-dikjarazzjoni tal-konjuġi li wiled fis-sens li l-konjuġi l-ieħor mhux il-ġenitur naturali tal-wild għandha tingħata konsiderazzjoni f'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-konjuġi l-ieħor minn ġenitur.***

Illi l-presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-mara li weldet it-tarbija hija biss presunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Diane Lia proprio et nomin e vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku***, per **Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras**:

***Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso… (Vide VOL XXIII P II pg 128)***

Illi sabiex tirnexxi kawza ta' *denegita paternita' ai termini* tal-Artikolu 70 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt

xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugu kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra FC li minnha huwa legalment divorzjat, u kontra Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri DB u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt. Il-Qorti rat l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-rigward tan-nuqqas ta' talba ghall-awtorizzazzjoni sabiex ir-rikorrenti jipprosegwi bil-kawza *ai termini* tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili stante t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tal-ulied. Madanakollu din il-Qorti rati ir-rikors tal-istess rikorrenti sabiex jigu mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri DB u din il-Qorti laqghet tali talba permezz tad-digriet datat 19 ta' Frar 2019 (fol. 26). Ghaldaqstant tassitaviment din il-Qorti kienet qieghda wkoll tawtorizza l-prosegwiment tal-proceduri odjerni anke fin-nuqqas tat-talba ghall-awtorizzazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti mhux se tiddikjara l-proceduri bhala nulli. Huwa anke fl-interess suprem tal-minuri DB li c-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrispekja r-realta' tieghu.

Il-Qort rat ukoll illi l-partijiet isottoponew ruhhom ghall-ezamijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tat-tifel b'mod xjentifiku. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn, l-ezamijiet geneticiu cioe l-ezami xjentifiku tad-DNA, huwa l-prova regina f'kawzi ta' paternita'. Kif intqal minn din il-Qorti diversament preseduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."***[2]

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa, li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri DB u li r-rekwizti kollha necessarji sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma

[2] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

sodisfatti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmi minuri huma fondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghaldaqstant jisthoqq li jigu milqugha.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

***"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."***

Din il-Qorti rat illi hadd mill-partijiet ma ressaq talba dwar it-tibdil tal-kunjom tal-minuri u ghalhekk in vista ta' tali nuqqas u in vista tal-eta giovanili tal-minuri, din il-Qorti tordna li il-minuri jibqa' maghruf bl-istess kunjom li ilu juza' matul hajtu u li hu ghalhekk ormai parti mill-identita' tieghu.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI***

*p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*

*Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."*

Il-konvenuta tghid illi hija qatt ma cahdet il-fatt li l-attur mhux il-missier naturali tal-wild DB tant li huma qatt ma ltaqghu u l-attur qatt ma hallas manteniment ghalih. Madanakollu, minkejja t-trapass tas-snin, qatt ma hadet l-ebda pass sabiex tikkoreggi l-att tat-twelid tal-minuri. Xehdet li qatt m'ghamlet dan ghaliex ma kienetx tiflah ghall-ispejjez. Wara diversi snin, kien l-attur li fetah il-proceduri izda dan m'ghandhux ifisser li l-attur ghandu jehel l-ispejjez, ghaliex dak li gara ma kienx konsegwenza ta' ghemilu. Hu kien biss vittma ta' relazzjoni ta' martu ma' terza persuna. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li ghandu jkun hu li jehel l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi r-rikors tal-attur datat 30 ta' Jannar 2019 billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-minuri DB bhala li mhuwiex il-wild naturali tal-attur PB ;**
2) **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-minuri DB huwa l-wild ta' missier mhux maghruf;**
3) **Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' DB li jġib in-numru progressiv**

**291/2013, b'dana illi fejn hemm "Missier it-tabija" jitnizzel "missier mhux magħruf" u tordna ukoll illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ineħħi isem u kunjom l-attur kif ukoll l-konnotati kollha tiegħu u jitneħħew ukoll il-kliem "the said" li jinsabu qabel l-isem FC fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-att tat-twelid surreferit.**

**Spejjez a karigu tal-intimata C inkluzi dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**